MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2737/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera assikurattrici Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Gaetano Mangion abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Gaetano Mangion**

**vs**

**Mario Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Gaetano Mangion assigurat tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110.00) is-socjeta` attrici**

**Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-istess Gaetano Mangion in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Settembru, 2000, gewwa Manwel Dimech Street, Qormi, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Gaetano Mangion, bin-numru ta' registrazzjoni FAB-523 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni SBS-115, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera AXA Insurance p.l.c., u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2001 kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Dicembru, 2002, fejn intqal:**
**i. illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta' l-attur Gaetano Mangion li kien qed isuq il-vettura numru FAB-523 assikurata mis-socjeta` attrici noe;**
**ii. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni;**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni;**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Gaetano Mangion, Anthony Pace, Michael Abela, Anthony Savona u Mario Cutajar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Settembru, 2000, gewwa Manwel Dimech Street, Qormi, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Gaetano Mangion, bin-numru ta' registrazzjoni FAB-523 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni SBS-115.**

**2. Gaetano Mangion kien hiereg minn Manwel Dimech Street biex jitla' ghal Hal Luqa. Mieghu fil-karrozza kellu lil Michael Abela u Anthony Pace. Hu jghid li wara li hareg mit-triq waqaf hdejn is-"central strip" li hemm f'dak il-lok u sama' il-hoss tal-kollizzjoni. Skond Mangion u necessarjament kellu jieqaf minhabba xogholijiet li kienu qed isiru mar-roundabout u peress li kien hemm gaffa kif ukoll traffiku. Skond l-attur il-konvenut kien stqarr wara l-habta li ma zammewlux il-brejkijiet u li l-isteering wheel kien ibbies.**

**3. Il-konvenut jghid li kien gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug u ried imur lejn il-Marsa, kien ghaddej mar-roundabout meta f'daqqa wahda hareg il-vann minn Triq Manwel Dimech u habtu. Skond il-konvenut l-attur hareg "gas down". Il-konvenut qabel ma' dak li gie inpingi fil-"front to rear form" esibita bhala Dok.MC. Dwar il-brejkijiet il-konvenut stqarr li it-trukk tieghu ghandu sistema li jekk imorru il-brejkijiet it-trukk ma jimxix. Huwa cahad li marrulu l-brejkijiejt, anzi jghid li bbrejkja meta ra li l-attur ser jibqa' hiereg.**

**4. Jirrizulta li l-attur kellu d-daqqa fuq il-genb ta' wara in-naha tal-lemin. Skond l-attur il-konvenut kellu d-daqqa fuq l-indicator u fanal ta' quddiem. Pero` skond il-konvenut l-arma tal-Bedford li ghandu fuq il-faccata tat-trukk bid-daqqa gibidilu.**

**5. Jigi rilevat li x-xhieda tal-passiggiera li kellu mieghu Magion trid tittiehed u tigi valutata fil-kuntest li dawn huma hbieb ta' l-attur. It-Tribunal iqis ix-xhieda ta' Michael Abela dubbjuza, specjalment meta dan jghid li lanqas ma ghndu idea jekk it-triq kienetx maqlugha. Filwaqt li Anthony Pace stqarr li kien**

**hemm traffiku, u li kien qed ihares il-quddiem, pero` ma jafx kienx gej traffiku mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li jista' jaghti ebda piz ghall dak li qal Abela dwar id-diskors li skond hu sar mill-konvenut dwar il-"brakes".**

**6. Ma jirrizultax li l-konvenut kien ghaddej b'velocita'. Pero` jirrizulta li kien hemm xogholijiet ghaddejjin f'dik it-triq u ghalhekk kien jispetta lill-kulhadd li jsuq bid-debita diligenza. Jidher li il-konvenut kien miexi fil-kors regolari tat-traffiku meta il-konvenut hariglu fin-nofs fsalt, meta l-attur kellu l-obbligu li jara li ma jkunx gej traffiku qabel ma jaghmel dik il-manuvra. Kollox jindika, anki l-isketch u d-danni riportati, illi l-incident gara unikament minhabba nuqqas ta' diligenza da parti ta' l-attur, u konsegwentement it-Tribunal ma hu qed isib ebda htija fil-konvenut ghall-kollizzjoni li sehhet.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, in kwant ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament l-attur, it-Tribunal qed jichad it-talbiet ta' l-atturi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza huma a kariku ta' l-atturi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**